32006D0480

L 189/12 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 12.7.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-11 ta' Lulju 2006

## li temenda l-Appendiċi B għall-Anness IX ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 dwar ċerti stabbilimenti fis-settur tal-laħam fil-Litwanja

*(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3115)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2006/480/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, u b'mod partikolari l-Anness IX, Kapitolu 5, Taqsima B, Subtaqsima I, paragrafu (d) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Litwanja ngħatat perjodi ta' tranżizzjoni għal ċerti stabbilimenti elenkati fl-Appendiċi B ([1]) ta' l-Anness IX għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(2) L-Appendiċi B għall-Anness IX ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 ġie emendat bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/472/KE ([2]), 2004/473/KE ([3]), 2005/421/KE ([4]) u 2005/657/KE ([5]).

(3) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Litwana ċerti stabbilimenti fis-settur tal-laħam, lestew il-proċess tagħhom ta' titjib u issa jinsabu f'konformità shiħa mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità. Stabbiliment wieħed waqqaf l-attivitajiet tiegħu. Dawk l-istabbilimenti għandhom għalhekk jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti li qegħdin fi tranżizzjoni.

(4) L-Appendiċi B ta' l-Anness IX ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, dak l-Appendiċi għandu jinbidel.

(5) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali ġie infurmat bil-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-Appendiċi B għall-Anness IX ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-2003 qiegħed jiġi ssostitwit mit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-11 ta' Lulju 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU C 227 E, 23.9.2003, p. 438.
([2]) ĠU L 160, 30.4.2004, p. 62. Verżjoni kkoreġuta ĠU L 212, 12.6.2004, p. 34.
([3]) ĠU L 160, 30.4.2004, p. 68. Verżjoni kkoreġuta ĠU L 212, 12.6.2004, p. 39.
([4]) ĠU L 143, 7.6.2005, p. 38.
([5]) ĠU L 241, 17.9.2005, p. 64.

*ANNESS*

*"Appendiċi B*

**imsemmi fil-Kapitolu 5, Taqsima B, Subtaqsima I għall-Anness IX** ([1])

**Lista ta' stabbilimenti, inklużi nuqqasijiet u skadenzi għall-korrezzjoni ta' dawn in-nuqqasijiet**

STABBILIMENTI TAL-LAĦAM

Lista inizjali

| Nru | Nru. Vet. | Isem l-istabbiliment | Nuqqasijiet | Data ta' konformità shiha |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 77-23 | Z.Gerulio II | Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE:<br>Anness I, Kapitolu I, punt 1<br>Anness I, Kapitolu I, punt 2,<br>Anness I, Kapitolu I, punt 4 (c)<br>Anness I, Kapitolu I, punti 9, 11 u 12<br>Anness I, Kapitolu II, punt 14 (a), (b), (c), (e), (f) u (g), (h), (k), u (l)<br>Anness I, Kapitolu III, punt 15 (b),Direttiva tal-Kunsill 77/99:<br>Anness A, Kapitolu I, punt 1<br>Anness A, Kapitolu I, punt 2 (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g)<br>Anness A, Kapitolu I, punti 3, 4, 6, 7, 8, 9, 11, 12, u 15<br>Anness B, Kapitolu I, punt 1(a), (d), (e) u (f)<br>Anness B, Kapitolu I, punt 2 (d), (e), (h), u (i) | 1.11.2006 |
| 2 | 77-02 | UAB 'Stragutės mėsa' | Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE:<br>Anness I, Kapitolu I, punt 1 (a), (b), (c), (e), (f),u (g)<br>Anness I, Kapitolu I, punt 2<br>Anness I, Kapitolu I, punti 11 u 12<br>Anness I, Kapitolu II, punt 14(a), (b), (c), (e), (g), (h), (k), u (l)<br>Anness I, Kapitolu III, punt 15 (b)Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE:<br>Anness A, Kapitolu I, punt 1<br>Anness A, Kapitolu I, punt 2 (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g)<br>Anness A, Kapitolu I, punti 3, 4, 6, 8, 9, 11, u 15<br>Anness B, Kapitolu I, punt 1(a), (d), (e) u (f)<br>Anness B, Kapitolu I, punt 2 (a), (b) u (j) | 1.11.2006 |
| 3 | 88-01 | AB 'Grabupėliai' | Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE:<br>Anness I, Kapitolu I, punt 1<br>Anness I, Kapitolu I, punt 2<br>Anness I, Kapitolu I, punt 4(c)<br>Anness I, Kapitolu I, punti 5, 9, 11 u 12<br>Anness I, Kapitolu II, punt 14(b), (c), (d), (e), (h), (k) u (l)<br>Anness I, Kapitolu III, punt 15 (b) u (d)<br>Anness I, Kapitolu IV, punt 16 (a)Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE:<br>Anness A, Kapitolu I, punt 1<br>Anness A, Kapitolu I, punt 2 (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g)<br>Anness A, Kapitolu I, punti 4, 6, 7, 8, 9, 11, u 15<br>Anness B, Kapitolu I, punt 1 (a) u (f)<br>Anness B, Kapitolu I, punt 2(c), (d), (i) u (j) | 1.11.2006 |

([1]) Għat-test ta' l-Anness IX, ara ĠU L 236, 23.9.2003, p. 836.

| Nru | Nru. Vet. | Isem l-istabbiliment | Nuqqasijiet | Data ta’ konformità shiha |
|---|---|---|---|---|
| | | Stabbilimenti HC tal-prodotti tal-laħam | | |
| 4 | 41-20 | UAB ‘Rukesa ir ko’ | Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE:<br>Anness I, Kapitolu I, punt 1 (a), (b), (c), (e), (f)u (g)<br>Anness I, Kapitolu III, punt 15 (b)Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE:<br>Anness A, Kapitolu I, punt 1<br>Anness A, Kapitolu I, punt 2 (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g)<br>Anness A, Kapitolu I, punti 3, 7, 8, 11, 12, 14, u 15<br>Anness B, Kapitolu I, punt 1<br>Anness B, Kapitolu I, punt 2 (c), (d), (e) u (h) | 1.5.2006 |

STABBILIMENTI TAL-ĦUT

Lista inizjali

| Nru | Nru Vet | Isem l-istabbiliment | Nuqqasijiet | Data ta’ konformità shiha |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 55-27 | UAB ‘Myxum’ | Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE:<br>Anness I, Kapitolu III.I, punt 1<br>Anness, Kapitolu III.I, punt 2 (a), (c), (d), (e) u (h)<br>Anness, Kapitolu III.I, punti 5, 9 u 10<br>Anness, Kapitolu IV.V, punt 1<br>Anness, Kapitolu VIII, punt 1 | 1.11.2006 |

STABBILIMENTI TAL-ĦALIB

Lista inizjali

| Nru | Nru. Vet. | Isem l-istabbiliment | Nuqqasijiet | Data ta’ konformità shiha |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 54-01P | UAB ‘Kelmės pieninė’ | Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE:<br>Anness B, Kapitolu I, punt 2 (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g)<br>Anness B, Kapitolu I, punti 3, 11 u 13 | 1.11.2006” |